

Brussell, 18 ta' Novembru 2022  
(OR. en)

14753/22

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2022/0233(NLE)

---

---

RECH 598  
ERAC 11  
PI 156  
EDUC 383  
COMPET 899  
IND 473  
MI 823

**NOTA**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.:	14448/22
Nru dok. Cion:	11789/22
Suġġett:	<i>Thejjiġa tal-Kunsill (Kompetittività (Suq Intern, Industrija, Riċerka u Spazju)) tal-1 u t-2 ta' Diċembru 2022</i> Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-prinċipji gwida għall-valorizzazzjoni tal-għarfien - Adozzjoni

---

1. Fid-9 ta' Awwissu 2022, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-prinċipji gwida għall-valorizzazzjoni tal-għarfien<sup>1</sup>.
2. Fil-proposta tagħha, il-Kummissjoni ssuġġeriet li tiġi aġġornata r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2008/416/KE dwar il-ġestjoni ta' proprjetà intellettuali f'attivitajiet għat-trasferiment ta' għarfien u Kodiċi ta' Prattika għal universitajiet u organizzazzjonijiet ta' riċerka pubbliċi oħrajn, peress li x-xenarju tar-riċerka u l-innovazzjoni (R&I) inbidel b'mod konsiderevoli f'termini ta' atturi u kumplessità tal-ekosistemi tar-R&I kif ukoll fir-rigward tal-isfidi globali.

---

<sup>1</sup> 11789/22.

3. L-għan tal-proposta kien li tiġi adottata linja komuni dwar il-prinċipji u l-miżuri ta' politika għat-titjib tal-valorizzazzjoni tal-għarfien fl-Unjoni, mingħajr ma jiġu imposti dispożizzjonijiet legalment vinkolanti.
4. Fil-laqgħat tiegħu tat-13 ta' Settembru, u tat-13 u s-27 ta' Ottubru 2022, il-Grupp ta' Ħidma dwar ir-Riċerka tal-Kunsill eżamina l-proposta u ddiskuta test ta' kompromess propost mill-Presidenza.
5. Wara proċedura ta' silenzju informali li għalqet fl-4 ta' Novembru 2022, il-Grupp ta' Ħidma laħaq qbil dwar it-test ta' kompromess rivedut tal-Presidenza<sup>2</sup>. Il-verżjoni finali tat-test maqbul, wara reviżjoni mill-ġuristi-lingwisti, tinsab fid-dokument 14448/22.
6. L-abbozz ta' rakkomandazzjoni tal-Kunsill fih ġabra ta' 24 prinċipju gwida f'oqsma bħall-valorizzazzjoni tal-għarfien fil-politika tar-R&I, il-ħiliet u l-kapaċitajiet, l-inċentivi, il-ġestjoni tal-assi intellettuali, ir-rilevanza fl-iskemi ta' finanzjament pubbliku, it-tagħlim bejn il-pari, il-metrika, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni. L-ambitu tal-atturi u l-attivitajiet, meta mqabbel mar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tal-2008 huwa usa', b'enfasi fuq l-ekosistema kollha tar-R&I. Ir-rakkomandazzjoni l-ġdida tenfasizza l-importanza li jiġu żviluppatti prattiki u ħiliet intraprenditorjali, kif ukoll il-ħtiġijiet biex jiżdied l-impatt tar-R&I.
7. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden
  - a) jikkonferma l-qbil milħuq mill-Grupp ta' Ħidma dwar ir-Riċerka fuq it-test tal-abbozz ta' Rakkomandazzjoni tal-Kunsill, kif jinsab fid-dokument 14448/22;
  - b) jirrakkomanda li l-Kunsill (COMPET) jadotta, fis-sessjoni tiegħu tat-2 ta' Diċembru 2022, ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-prinċipji gwida għall-valorizzazzjoni tal-għarfien, li għandha tiġi sussegwentement ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

---

<sup>2</sup> 13804/22.